

MT

MT

MT



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 20.7.2010
SEG(2010) 914 finali

RAKKOMANDEZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għat-tiġdid tal-protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Ginea Bissaw

RAKKOMANDAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għat-tiġdid tal-protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Ginea Bissaw

A. MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw kkonkludew protokoll għall-ftehim tas-sajd¹ li ġie inizjalat miż-żewġ partijiet fit-23 ta' Mejju 2007 u li daħal fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2008. Il-protokoll, li jagħti opportunitajiet tas-sajd lil bastimenti tal-UE u li jistipula l-kontribuzzjoni finanzjarja, se jiskadi fil-15 ta' Ġunju 2011.

Il-Kummissjoni tipproponi li jiġi nnegożjat protokoll ġdid li jilħaq l-opportunitajiet reali u l-ħtiġijiet tal-flotta tal-Istati Membri, u li jikkonforma mal-linji gwida tal-Kunsill ta' Lulju 2004 rigward ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd.

Il-Kunsill huwa mitlub jadotta l-linji gwida għan-negożjati mehmuża ma' din ir-rakkomandazzjoni.

B. RAKKOMANDAZZJONI

Fid-dawl tal-punti msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tirrakkomanda li:

- Il-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ u twettaq negozjati għat-tiġdid tal-protokoll fil-qafas tal-ftehim ta' sħubija dwar is-sajd mar-Repubblika tal-Ginea Bissaw;
- Il-Kummissjoni tiġi nnominata bħala n-negożjatur tal-Unjoni f'dan il-qasam;
- Il-Kummissjoni għandha twettaq dawn in-negożjati f'konsultazzjoni mal-kumitat speċjali f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
- Il-Kunsill japprova l-linji gwida għan-negożjati mehmuża ma' din ir-rakkomandazzjoni.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 241/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 – ĠU L 75 tat-18 ta' Marzu 2008

ANNEX

Linji gwida għan-negozjati

- L-għan tan-negozjati huwa li jiġġedded il-protokoll fil-qafas tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2004 rigward ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd abbażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2002, u b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni tad-drittijiet umani fil-pajjiż.
- Dan il-protokoll għandu jinkludi klawżola dwar il-konsegwenzi f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet umani u l-prinċipji demokratiċi.
- Bl-għan li jiġi żgurat, permezz ta' dan il-protokoll il-ġdid, it-trawwim ta' sajd sostenibbli u responsabbli, l-għanijiet tal-Kummissjoni għan-negozjati se jkunu bbażati fuq dan li ġej:
 - L-iżgurar tal-aċċess għaż-żona ekonomika esklussiva (ŻEE) tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa għall-bastimenti tal-flotta Ewropea biex iwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-ŻEE msemmija;
 - Il-konsiderazzjoni kif għandu jkun tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli;
 - L-iżgurar li l-aċċess għar-riżorsi tas-sajd ikun ibbażat fuq l-istess kriterji li japplikaw għall-protokoll attwali u fuq l-evoluzzjonijiet osservati matul il-ftit snin li għaddew;
 - It-tiħiħ tad-djalogu dwar il-politika tas-settur bl-għan li titħeġġeġ l-implimentazzjoni ta' politika responsabbli dwar is-sajd, konsistenti mal-għanijiet ta' żvilupp tal-pajjiż, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd, il-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd u standards imtejba ta' iġjene tal-prodotti tas-sajd.